# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' il-Hamis 6 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 419/2002/1**

**Saviour Zammit**

**vs**

**Jesmond u Carmen Cutajar**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm55.00,0 (hamsa u hamsin lira Maltin) u cioe s-somma dovuta lill-attur in rifusjoni ta' spejjes ghall-ittra, access u relazzjoni ta' perit, liema spejjes l-attur sofra in konsegwenza ta' hsarat ikkagjonati mill-konvenut fil-fond ta' l-attur rizultanti minn xogholijiet li l-konvenut wettaq fil-fond adjacenti mal-propjeta' tal-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut stante li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permess mill-Ligi.

Sema ix-xhieda u esamina d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidra.

Illi l-attur mhux qed jitlob rifuzjoni tad-danni lilu kagunati izda unikament l-ispejjes relatati sabiex dawn id-danni jigu kontestati

Kien ikun aktar utli li bejn zewg girien, ir-relazzjoni ta' bon vicinat kienet tkun koltivata. Li huwa inkwetanti huwa li qabel ma beda l-kostruzzjoni, il-konvenut acceda ghand l-attur tramite il-perit tieghu. Pero' meta allegatament giet kagunata l-hsara lilu, l-attur

ma bghatx ghal konvenut izda qabad u nkariga perit biex jirridigilu rapport.

Il-perit tal-attur ma rax il-post qabel ma sar ix-xoghol, dak tal-konvenut iva. Meta acceda sussegwentement, il-Perit Herbert Debono xehed li l-allegati hsarat ma kienux relatati mal-kostruzzjoni taghhom (seduta tad-9 ta' Mejju 2002).

Il-meritu ta' din il-kwistjoni hija materja teknika li ma qablux dwarha l-periti rispettivi tal-partijiet. Onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat. Ma kienx kwistjoni ta' likwidazzjoni arbitrio boni viri. Il-pretenzjoni attrici giet fermement kontestata mill-konvenut.

Fic-cirkostanzi it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**